# REGOLAMENT TA’ IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 161/2014

## tat-18 ta’ Frar 2014

## li jdaħħal denominazzjoni fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti tal-oriġini u tal-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti [Bayerische Breze/Bayerische Brezn/Bayerische Brez’n/Bayerische Brezel (IGP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta’ Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel [1], u partikolarment l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 it-talba ta’ reġistrazzjoni tad-denominazzjoni “Bayerische Breze”/“Bayerische Brezn”/“Bayerische Brez’n”/“Bayerische Brezel” li saret mill-Ġermanja ġiet ippubblikata f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*” [2].

(2) Ladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda oġġezzjoni skont l-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, id-denominazzjoni “Bayerische Breze”/“Bayerische Brezn”/“Bayerische Brez’n”/“Bayerische Brezel” għandha tiġi rreġistrata,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness ta’ dan ir-Regolament hija b’dan irreġistrata.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f’*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-18 ta’ Frar 2014.

*Għall-Kummissjoni,*
*F’isem il-President,*
Dacian CIOLOŞ
*Membru tal-Kummissjoni*

---

[1] ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.
[2] ĠU C 262, 11.9.2013, p. 13.

*ANNESS*

Prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel imsemmija fil-punt I tal-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012:

**Klassi 2.4. Ħobż, ikel tal-għaġina, kejkijiet, ħlewwiet, gallettini u oġġetti oħra tal-furnar**

IL-ĠERMANJA

Bayerische Breze/Bayerische Brezn/Bayerische Brez’n/Bayerische Brezel (IGP)